**28 ta' Lulju, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Joseph Galea

*versus*

Alfred Cardona

**Kontumaċja – Intervenjent fil-Kawża – Digriet Interlokutorju**

*Il-punt deċiż mill-Qorti ta' l-Appell kien dwar ir-ritwalità ta' Proċedura ta' Appell permezz ta' Nota u Petizzjoni minn Digriet ta' l-ewwel Qorti li ordnat l-isfilz ta' Nota ta' l-eċċezzjonijiet ippreżentata minn intervenjent.*

*Utili r-riflessjonijiet taż-żewġ Qrati dwar id-dottrina u l-ġurisprudenza tal-kontumaċja u ta' l-intervenjent.*

*Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata indipendentement mill-kontumaċja.*

*Minn jintervjeni fil-kawża "in statu et terminis" mhux parti fil-kawża u ma jistax jiġi kkundannat jew illiberat; imma jista' jippreżenta skritturi fil-kawża u jieħu parti attiva fid-diskussjoni.*

*Il-provvediment tal-Qorti li bih irrespinġiet it-talba ta' l-intervenjent*

*biex jippreżenta n-Nota ta' l-eċċezzjonijiet ma jikkostitwiex sentenza imma digriet interlokutorju. Il-proċedura ta' l-Appell f'dan il-każ permezz ta' Nota u Petizzjoni kienet konsegwentement nulla.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li biha l-attur, wara li ppremetta li l-konvenut kien ġie kkommissjonat mill-attur *(sic)* biex jagħmel appalt konsistenti f'xogħol ta' kostruzzjonii ta' post ta' residenza f'tal-Qattus, limiti ta' Birkirkara u dan skond ftehim li sar bejn il-partijiet fl-1978, li l-konvenut sal-lum esegwixxa biss parti minn dan l-appalt fil-waqt li baqagħlu jesegwixxi diversi xogħlijiet oħra u li inoltre partijiet mix-xogħlijiet esegwiti huma difettużi u ınhux skond l-arti u s-sengħa u l-ġebla użata hi ta' kwalità ħażina skond kif iċċertifika l-Perit Carmel Vella, talab li għar-raġunijiet premessi (1) jiġi ddikjarat u deċiż minn dik il-Qorti okkorrendo permezz ta' perit nominand, illi x-xogħol tal-ġebel s'issa esegwit mill-konvenut fuq il-post ta' l-attur f'Tal-Qattus, limiti ta' Birkirkara, mhux skond l-arti u s-sengħa u inoltre li l-ġebla użata hi ta' kwalità ħażina kif ukoll il-konvenut naqas milli jikkompleta l-appalt (2) li l-konvenut jiġi kkundannat minn dik il-Qorti biex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss għal tali skop jirranġa x-xogħlijiet difettużi minnu sal-lum esegwiti u jikkompleta dawk ix-xogħlijiet l-oħra li huwa ħalla sal-lum inkompletati kif jirriżulta in forza ta' l-ewwel domanda, taħt id-direzzjoni ta' periti nominandi u (3) fin-nuqqas ta' esekuzzjoni volontarja da parti tal-konvenut fit-terminu lilu hekk prefiss, l-attur jiġi awtorizzat jesegwixxi huwa nnifsu l-istess xogħlijiet billi jinkariga kuntrattur ieħor u dan a spejjeż tal-konvenut u taħt id-direzzjoni ta' l-istess perit nominand, – bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-17 ta' Jannar, 1981 u ta' l-ittra uffiċjali tas-27

*ta' Jannar*, 1981 kontra l-konvenut;

Rat li l-konvenut għalkemm debitament innotifikat biċ-ċitazzjoni fis-26 ta' Ġunju, 1981, baqa' ma ppreżentax nota ta' eċċezzjonijiet;

Rat id-digriet ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tad-19 ta' Ottubru, 1981 (fol. 6) li bih Anthony Zarb ġie ammess fil-kawża *"in statu et terminis"*;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjoni ta' l-intervenjent fil-kawża Anthony Zarb ippreżentata fil-5 ta' Novembru, 1981 (fol. 11) li biha eċċepixxa (1) illi x-xogħol inbena skond is-sengħa u l-arti (2) ix-xogħol mexa sporadiku għax l-attur mill-bidu kellu idejh tqila fil-pagament (3) kien l-attur stess li għamel l-arranġament għall-provvista tal-ġebel tas-sular ta' fuq ma' Lino u *Anthony aħwa Cardona (4) l-eċċipjent u l-konvenut Alfred* Cardona ma kkompletawx ix-xogħol għax waqqafhom l-attur, salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-deċiżjoni mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fil-5 ta' Marzu, 1984 li biha ddikjarat bħala waħda valida l-oġġezzjoni magħmula mill-attur kif verbalizzata fil-verbal tat-30 ta' April, 1982 u konsegwentement ordnat l-isfilz mill-proċess *tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet ippreżentata mill-invervenut* fil-kawża u ddikjarat ukoll li l-intervenut fil-kawża m'għandux dritt tal-produzzjoni ta' xi xhieda minnu ddikjarati fl-istess nota, – bl-ispejjeż kontra l-intervenut fil-kawża wara li kkunsidrat illi:

Il-konvenut Alfred Cardona ġie debitament innotifikat biċ-ċitazzjoni fis-26 ta' Ġunju, 1981, però baqa' ma ppreżentax nota ta' l-eċċezzjonijiet u għalhekk għandu jiġi kkunsidrat bħala li

baqa' kontumaċi. B'digriet tagħha tad-9 ta' Settembru, 1981, din il-Qorti nnominat lill-AIC Gino Refalo biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attriċi. Fl-14 ta' Ottubru, 1981 Anthony Zarb ippreżenta rikors fejn qal li kellu interess fil-kawża, billi hu kien bi sħab ma' l-istess konvenut Alfred Cardona fil-kuntratt ta' appalt ta' l-attur. Din it-talba ġiet milqugħa mill-Qorti fl-14 ta' Ottubru, 1981 u l-konvenut fil-5 ta' Novembru, 1981 ippreżenta nota ta' l-eċċezzjonijiet. Bil-verbal tat-30 ta' April, 1982 ġie rreġistrat li d-difensur ta' l-attur oġġezzjona għall-preżentata ta' din in-nota ta' l-eċċezzjonijiet kif ukoll għall-produzzjoni ta' xi xhieda ta' l-intervenut fil-kawża u talab lill-Qorti biex tipprovdi dwar il-każ qabel jibdew jinstemgħu l-provi ta' l-intervenut fil-kawża. Il-Qorti għalhekk ġiet mitluba u trid tiddeċidi dan il-punt qabel ma l-kawża tkun tista' timxi 'l quddiem;

L-artikolu li hemm fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili li jikkonċerna l-intervent fil-kawża huwa l-artikolu 959 ta' l-istess. Dan jgħid li "kull min juri, b'sodisfazzjon tal-Qorti li huwa għandu interess f'kawża li tkun miexja bejn partijiet oħra, jista' fuq rikors jiġi mdaħħal *"in statu et terminis"*, bħala parti fil-kawża f'kull waqt tagħha sew fil-Qorti ta' l-ewwel grad kemm ukoll fil-Qorti ta' l-Appell. Iżda dan l-intervent fil-kawża ma jwaqqafx il-proċeduri tagħha". Għalhekk skond dan l-artikolu l-intervenut fil-kawża jekk it-talba tiegħu tiġi milqugħa mill-Qorti jiġi mdaħħal fil-kawża proprju fl-istadju u fit-termini li l-istess kawża kienet waslet. B'ebda mod però, dan l-intervenut fil-kawża ma jista' jwaqqaf il-proċedura tagħha;

Għalhekk l-ewwel ħaġa li trid issir f'dan l-istadju hija li tiġi stabbilita f'liema stadju waslet il-kawża u l-fatti kif żviluppaw ruħhom sa dan il-mument, l-ewwelnett biex l-intervenut fil-kawża jkun jaf definittivament f'liema stadju tal-kawża hu ġie mdaħħal,

u t-tieni biex jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex dan l-intervenut ma jwaqqafx il-proċedura ta' l-istess kawża. Kif jirriżulta, il-konvenut Cardona għad li kien ġie debitament innotifikat biċ-ċitazzjoni baqa' ma ppreżentax nota ta' l-eċċezzjonijiet, u kwindi għalhekk għandu jiġi kkunsidrat bħala li huwa kontumaċi;

Skond l-artikolu 158 Subinċiż 9 tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili hemm dispost li "*If the defendant makes default in filing the statement of defence and declaration mentioned in this section, the Court shall give judgement as if the defendant failed to appear to the summons, unless he shows to the satisfaction of the Court a reasonable excuse for his default in filing the statement and declaration within the prescribed time*". Skond il-ġurisprudenza tagħna dwar il-kontumaċja, it-talba ta' l-attur għandha tiġi eżaminata mill-Qorti biex tara hiex ġustifikata jew le, "Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni u ammetta d-domandi. Għalhekk il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hiex ġustifikata indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut". (Gppe. Wismayer *vs* Giovanni Magro – Kummerċ Vol. XXIX pt. III u IV p. 35). Kwindi għalhekk issa wieħed jista' jgħid li l-istadju ta' fejn waslet il-kawża odjerna llum hu l-istadju fejn il-konvenut huwa kontumaċi u għalhekk ma jistax jippreżenta eċċezzjonijiet u anqas iressaq ebda provi u l-Qorti qiegħda tagħmel kif intqal aktar 'il fuq u teżamina t-talba ta' l-attur biex tara hiex ġustifikata jew le. Jibqa' għalhekk issa li wieħed jeżamina jekk dak li l-intervenut fil-kawża jrid jagħmel u ċjoè jagħti l-eċċezzjonijiet u jressaq xhieda in sostenn ta' l-istess, imurx kontra d-dispost ta' l-imsemmi artikolu 959 tal-Kodiċi tal-Proċedura;

Il-Qorti bir-raġun kollu minħabba n-natura stess ta' dak li qed jippretendi l-attur fil-kawża, biex hija aktar tkun tista', kif suppost tagħmel dak li ntqal aktar 'il fuq u ċjoè teżamina t-talba ta' l-attur innominat perit biex dan ikun jista' jistabbilixxi liema xogħol ma sarx skond is-sengħa u l-arti u liema xogħol ma ġiex komplut. Li kieku l-kwistjoni involuta kienet tittratta fuq ħaġa aktar sempliċi, il-Qorti ma kienet tgħaddi għal ebda nomina iżda kienet jekk sodisfatta tippronunzja ruħha billi tagħti sentenza. Hekk kien jiġri, per eżempju, kieku l-azzjoni esperita mill-attur kienet waħda kambjarja u kien hemm esibiti l-kambjali *'de quo'*. F'dan il-każ kienet teżamina l-istess u tagħti sentenza. Fil-każ in eżami ried jiġi eżaminat ix-xogħol in kwistjoni u stabbilit x'fadal xogħol biex isir. Però l-istadju kemm ta' din il-kawża kif ukoll ta' dik li għadha kif issemmiet huwa l-istess. Għalhekk *ai termini* ta' l-art. 158(a) tal-Kodiċi Ċivili, fil-każ li l-konvenut ma jkunx ippreżenta nota ta' l-eċċezzjonijiet dejjem jibqa' l-obbligu tal-Qorti li tgħaddi biex tagħti sentenza *"as if defendant failed to appear"*. Dan l-istadju tal-kawża ma jistax jiġi mwaqqaf b'ebda mod għaliex b'hekk wieħed ikun qiegħed imur kontra d-dispost ta' l-art. 959 ta' l-istess Kodiċi. B'hekk fil-fehma tal-Qorti fil-każ in eżami *stante* li l-konvenut kien baqa' kontumaċi, la l-konvenut ma jistax jippreżenta nota ta' l-eċċezzjonijiet u jressaq xhieda biex jikkontesta l-allegazzjonijiet ta' l-attur u lanqas l-intervenut fil-kawża ikun qiegħed jagħmel dak li l-istess konvenut huwa projbit milli jagħmel u ċjoè jikkontesta l-kawża, ħaġa li l-konvenut seta' għamel kieku ppreżenta nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu fit-terminu stabbilit mil-liġi. *Del resto*, kieku kellu jsir hekk l-artikolu 158(9) ikun jiġi reż inutili għaliex kull konvenut li jkun waqa' kontumaċ jfittex u jsib xi persuna li jista' jkollha xi interess biex titlob li tintervjeni fil-kawża u tippreżenta nota ta' l-eċċezzjonijiet u tressaq xhieda u tikkontesta l-kawża għan-nom u fl-interess kollu tal-konvenut

li b'hekk jiġi f'posizzjoni qisu qatt ma kien waqa' kontumaċi. Dan ċertament imur kontra dak li trid il-liġi u hi dispost fl-artikolu 959 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Mir-riżultanzi fil-każ jidher li dan hu proprju dak li jixtieq jagħmel l-intervenut f'din il-kawża. Però dan ma jistax, għar-raġunijiet fuq mogħtija, li jiġi ammess li jagħmel f'din il-kawża, li hi kawża li *del resto,* hija differenti minn dawk kollha ċċitati minnu fin-nota ta' l-osservazzjonijiet, fis-sens li f'din il-kawża *l-konvenut baqa' kontumaċi u l-istadju li fih waslet l-istess kawża* hi biss li tgħaddi għas-sentenza wara li teżamina t-talbiet attriċi. Ġie deċiż diversi drabi mill-Qrati tagħna fuq materja simili li l-intervenut volontarju fil-kawża bl-intervent stess tiegħu ma jsirx parti fil-kawża. Min jintervjeni fil-kawża *"in statu et terminus"* mhux parti fil-kawża u ma jistax jiġi kkundannat jew *illiberat;* imma jista jippreżenta skritturi fil-kawża u jieħu parti attiva fid-diskussjoni;

Għalhekk jidher li la darba Anthony Zarb talab li ġie *ammess* bħala *intervenut* f'din il-kawża huwa għandu dritt li jsegwi l-proċeduri u kull ma jsir minn meta ġie ammess ma' l-aħħar u ċjoè fl-eżami li l-Qorti qiegħda tagħmel tat-talbiet attriċi;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-intervenjent fil-kawża Anthony Zarb ippreżentata fit-13 ta' Marzu, 1984;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess intervenjent fil-kawża ppreżentata fid-29 ta' Marzu, 1984 li biha għar-raġunijiet hemm esposti talab li dina l-Qorti tirrevoka s-sentenza parzjali appellata mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fil-5 ta' Marzu, 1984 u tawtorizza lill-intervenjent appellant li jissolleva eċċezzjonijiet u jressaq ix-xhieda tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-

attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat ippreżentata fit-23 ta' April, 1984 li biha ssottometta li dan l-appell huwa null billi l-appellanti ġà ppreżentaw appell b'rikors fis-7 ta' Marzu, 1984 mid-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti u għalhekk dan l-appell qed isir inutilment billi d-deċiżjoni tal-prim'istanza kienet tikkonsisti f'digriet interlokutorju;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

L-attur appellat fir-risposta tiegħu għal dan l-appell qiegħed jissottometti li l-preżenti appell huwa null billi ġiet segwita l-proċedura tan-nota ta' l-appell u sussegwenti petizzjoni mentri l-appell imissu sar b'rikors *stante* li d-deċiżjoni appellata tikkonsisti f'digriet interlokutorju;

Il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni. Il-punt li kellha tiddeċidi u li fil-fatt iddeċidiet l-ewwel Qorti kien jekk kellhiex tiġi sfilzata mill-proċess in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ippreżentata mill-intervenjent fil-kawża u jekk dana kellux id-dritt jipproduċi x-xhieda ddikjarati minnu fl-istess nota. Il-Qorti hi tal-fehma li l-imsemmija deċiżjoni kienet tikkonsisti fi provvediment pre-ordinat għall-isvolġiment tal-kawża li jikkorrispondi għal dawk li Sir Antonio Micallef fil-ktieb tiegħu "*Della Procedura Civile*" ssejjaħ "*Sentenze Interlocutorie, le quali non determinano pienamente la causa ma bensi riguardano qualche incidente nel principio o nel mezzo della causa*" u bħala tali jammonta għal

veru digriet interlokutorju kkontemplat fl-artikoli 221 u 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12, Ediz. Riv. 1984) (Ara Appell Ċivili, Dalli *et vs* Attard, 24 ta' Marzu, 1961, Kollez. Deċ. Vol. XLV.I.51);

Il-Qorti tiċċita wkoll per analoġija dak li ġie ritenut minnha fil-kawża Zarb McKeon *vs* Fraser, 23 ta' April, 1937, Kollez. Deċ. Vol. XXIX.I.100, fejn ingħad *inter alia* li l-provvediment *tal-Qorti li bih irrespinġiet* it-talba tal-konvenut biex jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet ma jistax jikkostitwixxi sentenza għall-finijiet tal-liġi iżda huwa sempliċi digriet interlokutorju;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi illi l-appell preżenti magħmul permezz tal-proċedura tan-nota ta' l-appell u tal-petizzjoni huwa irritu u null. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu ssopportati mill-appellant.